# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u Erbgħin (42) – Laqgħa b'urġenza**

**1 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

42.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

## 42.2 Oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' żvilupp PA 7509/21

42.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk għandux iressaq oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' żvilupp b'numru ta' riferenza PA 7509/2021. Dan peress li l-perijodu ta' oġġezzjonijiet jagħlaq nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2021.

42.2.2 Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni tirrigwardja bini ta' *pool* fi Triq Marsalforn f'żona li hija barra mill-iżvilupp (*ODZ*). Huwa qal li jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar tiddeċiedi favur din l-applikazzjoni, tkun qed toħloq preċedent perikoluż bil-konsegwenza li jkompli jiġi rovinat il-paesaġġ naturali tal-lokalita' tagħna. Is-Sindku qal li dawn l-oġġezzjonijiet qed jiswew eluf kbar ta' flus lill-Kunsill u staqsa jekk wasalx iż-żmien li l-Ministeru tal-Finanzi jibda jalloka fond appositament għal dan il-għan.

42.2.3 Il-Kunsillier Victor Curmi qal li huwa ma jaqbilx li l-Kunsill Lokali għandu jiddeċiedi dwar din il-materja iżda għandha tkun l-Awtorita' tal-Ippjanar li tagħmel ix-xogħol tagħha b'mod tajjeb u tiddeċiedi jekk għandhiex tagħti l-permess rikjest jew le. Fid-dawl ta' dan, huwa iddikjara li ser jastjeni fuq din il-kwistjoni.

42.2.4 Il-Kunsillier Stefan Bajada esprima ruħu favur il-pożizzjoni adottata mis-Sindku Dr. Christian Zammit.

42.2.5 Minħabba li ma kienx hemm qbil unanimu fuq din il-materja, is-Sindku ressaq il-proposta tiegħu għall-vot. B'żewġ voti favur u astensjoni waħda, il-Kunsill iddeċieda li għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

42.2.6 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.50pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**